**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Gunju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 49/2016 AF**

**Mark Anthony Debono**

**Theresa Debono u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2017, il-Qorti laqghet it-talba u orndat li l-atti tal-kawza jghaddu f'isem Joseph Debono, Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono u dan stante l-mewt ta' Theresa Debono**

**Joseph Debono u fil-verbal tas-17 ta' Ottubru 2017, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza jghaddu f'isem Mark Anthony Debono u Carmelo sive Carl Debono u dan stante l-mewt ta' Joseph Debono**

**u**

**Carmelo *sive* Carl Debono**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**

**u**

**Il-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

**u fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jissejhu fil-kawza Ignatius Debono u martu Carmela Debono, Joseph Debono u martu Carmela Debono, Moses Debono u martu Giovanna Debono li miet fil-mori tal-kawza u l-atti gew trasfuzi f'isem Giovanna Debono, Charles Debono u Evan Debono, u Theodora Micallef u zewgha Philip Micallef, Speranza Gatt f'isimha u ghan-nom ta' binha interdett Philip Gatt, Joseph Gatt, Carmel Gatt, Miriam Gatt, Paul Gatt, Alexandra Caruana, William Gatt, Francis Portelli, Philip Portelli, Josette Musù u Noel Portelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi, li permezz tiegħu ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet biex:

1. Tordna b'mod immedjat is-sospensjoni tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "*Theresa Debono et vs Ignatius Debono et*" (1163/2015/LSO).

2. Tiddikjara li kien hemm, hemm, jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tas-smigh xieraq tal-esponenti sancit mill-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Tiddikjara li kien hemm, hemm, jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ghal rimedju effettiv, sancit taht l-artikolu 13 tal-Ewwel Skeda fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Tordna r-rikuza tal-Imhallef sedenti fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "*Theresa Debono et vs Ignatius Debono et*" (1163/2015/LSO).

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex, fuq direzzjoni tal-Prim Imhallef, jassenja l-kawza qudiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "*Theresa Debono et vs Ignatius Debono et*".

6. Tiddikjara illi d-dritt tal-esponenti li jressqu l-provi fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "*Theresa Debono et vs Ignatius Debono et*" huwa impregudikat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2017 il-Qorti ordnat illi jiġu kjamati fil-kawża l-partijiet kollha fil-kawża 1163/2015 LSO fl-ismijiet "*Theresa Debono et vs Ignatius Debono et*".

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawża Josette Musu u Francis Portelli.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawża Carmel sive Charles Debono, Evan Debono u Giovanna Debono.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawża Ignatius Debono, Carmela Debono, Joseph Debono, Carmela Debono, Theodora Micallef u Philip Micallef.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawża Speranza Gatt f'isimha u għan-nom ta' binha interdett Philip Gatt, Joseph Gatt, Carmel Gatt, Miriam Gatt, Paul Gatt, Alexandra Caruana u William Gatt.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll id-dritt fundamentali tagħhom għal rimedju effettiv sanċit permezz tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni minħabba nuqqas ta' imparzjalità da parti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri pendenti quddiemha fl-ismijiet Theresa Debono et vs Ignatius Debono et (rikors ġuramentat numru 1163/2015 LSO).

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti ntavolaw kawża a tenur tal-artikolu 496 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-kjamati fil-kawża fl-ismijiet Theresa Debono et vs Ignatius Debono et (rikors ġuramentat numru 1163/2015 LSO) fejn talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tordna d-diviżjoni ta' żewġ porzjonijiet art fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, bejn il-kontendenti, tassenja porzjonijiet lill-partijiet rispettivi, tillikwida s-somma dovuta bħala ekwiparazzjoni, tordna lill-konvenuti (illum kjamati fil-kawża) jħallsu din is-somma lilhom u tappunta Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Fid-9 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti intavolaw rikors fejn talbu lill-Qorti tgħaddi għal sentenza in parte fuq is-segwenti:

1. *Illi l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq l-artikolu 496 tal-Kap. 16 bħala l-actio comuni dividendo;*

2. *Tiċħad kwalunkwe eċċezzjoni jew dikjarazzjoni li l-azzjoni odjerna hija l-actio familae erciscundae;*

3. *Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża stante li l-partijiet ġja ddikjaraw il-posizzjoni tagħhom dwar il-qasma tal-artijiet de quo;*

4. *Tappunta perit tekniku biex iħejji rapport sabiex jevalwa l-qasma mitluba mill-esponenti;*

5. *Tiddikjara li ċertu temi imsemmija fir-rikors huma irrelevanti għall-qasma ai termini tal-artikolu 496 tal-Kap. 16 u konsegwentement, tirrespinġi kull eċċezzjoni jew dikjarazzjoni relatata mal-istess;*

6. *Tiċħad kwalsiasi pretensjoni mill-konvenuti li ma saritx permezz ta' kontro-talba;*

7. *Tiddikjara li l-konvenut Noel Portelli huwa kontumaċi.*

Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Frar 2016. Dakinhar, il-Qorti vverbalizzat li għad jonqos li jiġu kkompletati l-proċeduri tal-affissjoni fuq il-bieb tal-konvenut Noel Portelli. Il-kawża ġiet differita għall-udjenza tas-17 ta' Marzu 2016. Dakinhar, Dr. Joseph Debono għar-rikorrenti ddikjara li l-konvenut Noel Portelli huwa kontumaċi għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Madanakollu, il-Qorti qieset li l-proċeduri tal-affissjoni ma ġewx kompletati skont l-ligi u li inoltre, il-lanjanza sollevata kellha titqajjem fis-seduta preċedenti għall-konsiderazzjoni tal-Qorti, sabiex tagħti d-direzzjonijiet approprijati. Il-Qorti għalhekk qieset li l-konvenut Noel Portelli ma kienx kontumaċi u r-risposta ġuramentata tiegħu ma ġietx sfilzata mill-atti tal-kawża.

Fis-seduta sussegwenti, u ċioè dik tas-26 ta' April 2016, ir-rikorrenti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi. Il-Qorti ħalliet il-kawża sabiex jingħata digriet fuq ir-rikors tal-atturi tad-9 ta' Frar 2016 u sabiex tkompli tiġi stradata l-kawża għall-24 ta' Mejju 2016.

Permezz ta' digriet kamerali tal-4 ta' Mejju 2016, il-Qorti ddisponiet mir-rikors tal-atturi tad-9 ta' Frar 2016 billi ddeċidiet hekk:

1. *Tirriserva li tikkonsidra jekk għandhiex tagħti sentenza in parte fuq in-natura tal-kawża odjerna wara li tisma l-provi fuq it-titlu u provenjenza tal-artijiet in diviżjoni u dan b'riferenza għat-talbiet 1(a) u (b) dedotti fir-rikors premess;*

2. *Tiċħad it-talbiet 1(c) u (e) in kwantu li irritwali proċeduralment;*

3. *Tiċħad it-talba 1(f) billi huwa ammess lill-kondividendi li jressqu talbiet in diviżjoni li jirrispekkjaw id-drittijiet tagħhom naxxenti mid-disposizzjonijiet regolatorji tal-Kodiċi Ċivili;*

4. *Tiċħad it-talba 1(g) billi l-Qorti ġja kkonstatat li l-konvenut Noel Portelli ma kienx kontumaċi;*

5. *Tirriserva li tipprovdi għall-appuntament ta' perit tekniku u okkorrendo perit legali biex jisma l-provi u jirrellata fi stadju ulterjuri (d).*

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016, ir-rikorrent Carmelo sive Carl Debono ivverbalizza illi r-rikorrenti ntavolaw proċeduri quddiem din il-Qorti fuq smigħ xieraq, u li qegħdin jistennew id-direzzjoni ta' din il-Qorti fir-rigward.

Skont ir-rikorrenti, fl-imsemmija proċeduri qegħdin jiġu leżi jew x'aktarx ser jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba n-nuqqas ta' imparzjalità tal-Qorti. Skont huma, dan jirriżulta minn (i) irregolaritajiet fil-proċedura tan-notifika (ii) ir-rifjut tal-Qorti li tgħaddi sabiex tagħti sentenza in parte (iii) verbali li mhumiex preċiżi jew li fihom xi żball; u (iv) jilmentaw dwar dak deċiż mill-Qorti permezz tad-digriet kamerali tal-4 ta' Mejju 2016.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi testwalment illi:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Ir-rikorrenti jinvokaw ukoll l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jiddisponi illi:

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagïxxu f'kariga uffiċjali."*

Il-Qorti f'din il-kawża għandha tibda billi tgħid li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

*"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim'Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."*

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

> *"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*
>
> *a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (Application 6172/73, X v. U.K.)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali, tat-28 ta' Ġunju 2012, irriteniet:

> *"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta'* ***Jacobs and White****, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "****fourth instance" doctrine****, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

> ***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***
>
> ***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***
>
> ***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***
>
> ***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***
>
> ***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.***"

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:

> "*Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom.*"

L-intimati u l-kjamati fil-kawża ressqu numru ta’ eċċezzjonijiet ta’ natura preliminari. L-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ integrità tal-ġudizzju ġiet sorvolata in kwantu l-Qorti ordnat li jiġu kjamati fil-kawża l-partijiet l-oħra fil-kawża 1163/2015 LSO.

Imbagħad, l-intimati u uħud mill-kjamati fil-kawża jeċċepixxu li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji effettivi għad-disposizzjoni tagħhom, u ċioè li jappellaw mid-digriet kamerali tal-4 ta’ Mejju 2016 kif ukoll mid-digriet tal-Qorti mogħti fl-udjenza tas-16 ta’ Frar 2016 u li jagħmlu talba lill-Qorti għall-korrezzjoni tal-verbali li jilmentaw dwarhom. Jgħidu għalhekk illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma’ din il-kawza fit-termini tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jigi senjalat li l-eċċepjenti eċċepew ukoll l-intempestività tal-kawża fl-istess kuntest tal-eċċezzjoni tagħhom dwar in-non eżawriment ta' rimedji ordinarji. Madanakollu, dawn huma żewg eċċezzjonijiet distinti billi l- intempestività tirreferi għall-ħtieġa o meno li wieħed jistenna l-konklużjoni tal-proċeduri ordinarji kollha qabel ma jiġi investigat ilment taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Stante li jidher minn qari tal-eċċezzjoni imsemmija li l-eċċepjenti qegħdin jinvokaw l-artikolu 4(2) tal-Kap 319, hija din id-diskrezzjoni li ser tiġi hawn trattata.

In linea ta’ prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta’ April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li johorgu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

> “*(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalità, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

*(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta` dawk is-setghat."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti tqis illi l-intimati u l-kjamati fil-kawża għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom. In suċċint, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn żewġ digrieti u dak li jgħidu li huma diversi żbalji jew ineżattezzi fil-mod li ġew reġistrati l-verbali tas-seduti tal-Qorti. Madanakollu, għar-rigward tad-digrieti, huma għandhom għad-disposizzjoni tagħhom it-triq tal-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti u fir-rigward tal-verbali, il-proċedura korretta hija li jitolbu korrezzjoni tagħhom, jekk hemm bżonn permezz ta' rikors fl-atti, u ċertament mhux li jiftħu kawża kostituzzjonali għaliex skont huma, il-Qorti ma kinitx se tilqa' t-talba tagħhom għall-korrezzjoni għaliex mhijiex imparzjali!

Fil-każ ta' Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et, tas-7 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar il-verbali reġistrati mill-Qorti:

> *"Din il-Qorti, ovvjament, imxiet fuq dak li rrizulta registrat fil-verbali tas-seduti mizmuma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Fil-kawza "Zammit vs Kummissjoni dwar il-Kontroll tal- Izvillup", deciza fl-10 ta' April, 1995, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, gie ribadit il-principju li l-minuti ta' kawza ghandhom jitqiesu li jirriflettu dak li gara fis-seduta, u f'kaz li Qorti tirrifjuta li tirregistra xi ilment jew oppozizzjoni ta' parti dik il-parti ghandha tirregistra dak l-ilment jew oppozizzjoni f'nota jew rikors li tigi prezentata fl-atti; fin-nuqqas li jsir dan, dak li jirrizulta mill-verbal ghandu jitqies li jirrifletti dak li gara waqt is-seduta.*
>
> *Hekk ukoll, fil-kawza "Pulizija vs Borg", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kriminali) fit-18 ta' Jannar, 1941, (ripartata Kollez. Vol. XXXI.IV.391), intqal li l-atti tal-Qorti ghandhom jittiehdu dejjem li saru sewwa, u hu biss f'kaz ta' ambigwita' f'dak li hemm registrat, li Qorti tista' tisma sottomissjonijiet orali dwar x'ried jigi mfisser bil-verbal registrat."*

Għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar id-digrieti tal-Qorti, tali ilment jeħtieġ indaġni li issa jispetta lill-Qorti tal-Appell li hija adita b'kompetenza ordinarja li tiddetermina jekk dak li qed jallegaw ir-rikorrenti huwiex minnu. Ma hemm xejn li jwassal

lil din il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex il-kompetenza biex tiddetermina jekk il-proċess kienx vizzjat minħabba mankanzi serji proċedurali fis-smigħ tal-kawża. Il-possibiltà li l-Ewwel Qorti ma tikkonċedix lir-rikorrenti l-fakoltà li jappellaw minn tali digrieti qabel is-sentenza finali ma jfissirx illi dan ir-rimedju mhuwiex wieħed effettiv kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti.

Huwa paċifiku li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji u meta hemm soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma ssir xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali. Ma jistax jingħad li nkiser dritt fondamentali taċ-ċittadin meta liċ-ċittadin ikunu provduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu (Alexander Barbara vs L-Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2018).

Meta wieħed iqis l-ilmenti kollha sollevati, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti tal-Appell milli tħassar id-digrieti in kwistjoni jekk jirriżulta dak li qed jallegaw ir-rikorrenti huwa minnu u dwar dak li ġie mniżżel fil-verbal, ir-rikorrenti għandhom għad-disposizzjoni tagħhom id-dritt li jitolbu lill-Qorti tagħmel il-korrezzjoni meħtieġa. Kwindi, ir-rikorrenti għad għandhom rimedji ordinarji effettivi sabiex jindirizzaw l-ilmenti tagħhom li għadhom ma ġewx eżawriti.

Huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin, permezz ta' din il-kawża, sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri li jilmentaw dwarhom għaliex ma qablux mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti. Iżda l-proċedura korretta ċertament mhijiex li jiftħu kawża kostituzzjonali fuq smigħ xieraq.

Id-dritt għal smigħ xieraq ma jinkludix fih id-dritt illi r-rikorrenti jingħataw deċiżjoni b'mod illi huma jqisu li huwa ġust. Il-fatt illi ma qablux mad-digrieti tal-Qorti ma jfissirx illi ġie leż id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

Il-Qorti ma tistax ma żżidx li l-ilment tar-rikorrenti dwar ineżattezi fil-verbali huwa għal kollox fieragħ u mingħajr l-ebda fondament ġuridiku. Il-Qorti ma tistax tara kif allegati żbalji f'dettalji li mhumiex konsegwenzjali jistgħu qatt iwasslu għal-

leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.  Aktar u aktar meta, kif diġà ntqal, kull ma kellhom jagħmlu r-rikorrenti kien illi jagħmlu talba għall-korrezzjoni.

Il-proċeduri kostituzzjonali u skond il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' kawżi, iżda huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.

F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċedura li jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.  Meta wieħed jagħsar l-ilmenti tar-rikorrenti jirriżulta li huma qegħdin sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti tinvestiga dak deċiż fil-proċeduri in kwistjoni.

Għalhekk għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-Avukat Generali u tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati u mill-kjamati fil-kawża billi jirrizulta li r-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti ma ġewx eżawriti.

Konsegwentement, teħles lill-intimati u lill-kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG